**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 19 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**-vs-**

**Gaetano Debattista, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 800648(M); u Omissis**

Kumpilazzjoni Nru. 429/2001

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Gaetano Debattista u Ommissis talli:

> Bejn l-1 ta' April, 1996 u t-30 ta' Novembru, 1999, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, wara li fil-kapaċità tagħhom ta' diretturi tas-soċjetà Debattista Holdings Ltd approprijaw, billi dawru fi profit għalihom jew għal persuna oħra, is-somma ta' Lm4202.01 miġbura mis-soċjetà bħala dhul f'taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta, li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom tħaħt titolu ili jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir uzu minnha speċifikat jew minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew bejn l-1996 u l-1999, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-30 ta' Mejju, 2015.

Rat li fis-seduta tallum il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' Ommissis, liema talba giet milqugha.

Illi din il-Qorti semghet lill-rapprezentant tal-VAT Department jikkonferma li ma ghadx baqa pendenzi mal-imputati u li l-ammont dovut kien thallas ghad ta' zmien qabel.

Illi ma hemmx dubbju li l-kaz tal-prosekuzzjoni gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tal-akkuza li qed tinstab htija dwarha, ic-cirkostanzi tal-kaz senjatament tal-fatt li dan il-procediment jirrisali ghal hmistax il-sena ilu bl-akkuza tmur lura ghas-sena 1996. Certament piena karcerarja f'dawn ic-cirkostanzi ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 293, 294 u 310(1)(a)[1] tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reati ohra waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[1] Kif kienet taqra fiz-zmien li sehh ir-reat addebitat lill-imputati